San Pawl Il-Bahar

# Il- laqgħa Nru 35 tas-seba' Kunsill saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013 fis-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Mario Buhagiar | Kunsillier |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a**

**Alex Bezzina**

John Bray, Daniel Grima

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

*Qari u approvazzjoni tal-minuti.*

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 34 ittiehdu bhala moqrija u korretti bl-aggustamenti tal-punti segwenti, peress li gew cirkulati minn qabel. Ingibdet l-attenzjoni mill kunsilliera Graziella Galea fuq li gej:-

It-tieni paragrafu, pagna 2 – Robert Piscopo flok Mandy Buhagiar.

Fis-sezzjoni tal-Korrispndenza fejn intqal li Graziella Galea harget mill kamra- tizdid li l-kuntrattur jigi r-ragel ta' oht ommha.

L-isem l-avukat f' pagna 11 jinqara Bonello flok Bonanno.

Rigward il-monument ta' San Pawl tizdied li ga kien hemm il-permess ghalih.

Anne Fenech qalet li l-*fun train* f'pagna 13 ma' taqbilx li terga tmur fi Triq it-Turisti u lanqas quddiem il McDonalds.

Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.

Giet approvata l-iskeda tal-hlasijiet wara li gew iccarati xi punti -item No 4944 qed jirreferi ghall kont tal-GO. L-approvazzjoni saret wara li ttiehed vot b'Mario Salerno, Raymond Tabone,MandyBuhagiar, Oliver Mallia , Jane Chircop u Mario Buhagiar favur u Graziella Galea, Anne Fenech, Robert Piscopo u Peter Abela astjenew.

Stqarrija tas-Sindku

**Is-Sindku Mario Salerno qara l-istqarrija tieghu lill kunsilliera fejn huwa ta' spjegazzjoni ghall diversi xogholijiet u hidma pjanata sal-laqgha li gejja. Graziella Galea talbet lis-Sindku biex l-istqarrija tibda tintbghat qabel mall-minuti filwaqt li l-Kunsillier Ray Tabone sahaq li s-Sindku m'ghandhux ghalfejn jibghat l-istqarrija qabel diment li din tinqara fil-laqgha. Is-segwenti hija l-istqarrija kif moqrija:-**

***Stqarrija tas-Sindku***

L-istqarrija tas-Sindku Mario Salerno – l-erbgha 23 ta' Ottubru , 2013

1. Xogholijiet li nriedu nwasslu sa l-ahhar tas-sena – il-programm tal-PPP 2 mill-kuntrattur Bonnici u fuq in-naha tal-kunsill lokali hemm il-perit Etienne Magri. Huwa ferm importanti li naghlqu dan il-programm li l-kunsill kien iffirma aktar minn tlett snin ilu. Aparti dan il-programm , Bonnici iried jithallas fuq triq li kien ghamel f' isem il-kunsill . Ghalkemm ghaddew is-snin , il-hlas baqa' pendenti. Kien sehh li meta saret it-triq , il-kunsill precedenti kellu xi raprezentant li mar jara' x-xoghol lest tat-triq u indunaw li saret triq b' ohra. Ma nistax nifhem li waqt li kien qed isehh ix-xoghol fuq it-triq , hadd mill-kunsill mar jara' x' kien qed jaghmel il-kuntrattur ! Dan huwa qrib l-10,000 ewros . Hemm bzonn li niehdu vot fuq il-kontinwita ta' dan il-progett u ta' dan il-hlas . Nahsbu li jkun hemm nefqa ta' 150,000 ewro. Fic-cirkustanzi jidher li huwa ferm difficli dak li qed jitlob il-kuntrattur fejn bl-iskuza tal-gholi tat-tarmak jried hlas ta' 80% fuq ic-certifikazzjoni tax-xoghol

, li tmur lil hemm mill-kuntratt. Imma l-unika direzzjoni li ghad fadal huwa li l-kuntrattur jibqa' ma dak miftiehem fl-iskema, jithallas 60% tas-sentejn li jkunu ghaddew u f' Lulju , 2014 jithallas 25,000 ewro bhala t-tielet tranche tal-iskema. Li jifdal ikun mferrex fuq perzentagg ta' 5% fuq is-snin li jkun fadal. Il-proposti taghna , ghednihomlu lil Alex Bonnici u lil Ettiene l-perit ta' Bonnici fil-presenza tal-perit Etienne Magri , Frans Chircop u jiena meta morna fl-ufficju taghhom nhar it-tnejn 21 ta' Ottubru , 2013. B' hekk nevitaw li nirrikorru ghal passi ohrajn. Fil-prezent infurmat li kien Bonnici l-kuntrattur li tefa' t-tender wahdu fuq l-iskema tal- PPP 2. Ghalhekk illum niehdu decisjoni biex isiru xogholijiet fuq toroq gewwa l- Wardija , Burmarrad , l- San Pawl il- Bahar u l- Qawra.

2. Ukoll inriedu naraw kif se jizvolgi l-kumplament tal- izvillupp tal- bandli hdejn l-iskola primarja li huwa tant mistenni. Il-perit Magri huwa l-arkitett li qed jahdem fuq dan il-progett fejn tajnih istruzzjonijiet biex jimxi ezatt fuq bagit li kien miftiehem mal-Mepa . il-hlas ta' dan il-progett se jkun mill-UIF. Il-bagit jkun ta' 60,000 ewro . Intant il-playing field ta' Burmarrad gie rrangat b' mod li jkun konformi mal- health and safety standards tal- MCCAA. Se jsir xoghol fuq il-playing field tal- Vecc biex jitranga hajt li jista' johloq xi riskju li jwegga' xi tifel u ghalhekk il-hajt se jkun irrangat bit-tapit ikun imtawwal waqt li z-zurzieqa gdida se titwahhal flok dik tal-hadid li kienet imsadda u ta' periklu ghal min juzaha.
3. Hemm lok ukoll li jkun hemm fit-triq Jean de la Cassiere ftit giocatolli bhalma insibu fil-playing fields tip ta' xi zurzieqa zghira , xi riding horse bil-molla sabiex tfal zghar ikunu jistghu jilghabu . Residenti talbuna biex inwahhluhom fi Triq Jean de la Cassiere , li konna ftehmna fl-ahhar seduta biex inaddfu t-terrapien mal-kurduna ta' hdejn ir-raba' , li hija infestata bl-iskart . Jiena nitlob ghal vot biex inwahhlu xi giocatolli zghar liema bagit tas-sena ddiehla .
4. Fit-triq Jean de la Cassiere , kienu twahhlu solar lamps xi erba' snin ilu. Irrizulta li l-batteries ta' dawn is-solar lamps spiccaw . Tawna parir li biex jitbiddlu dawn il-batteries , iz-zalza se tiswa' aktar mill-hut. Flokhom ikun irhass lampi konvenzjonali. Hemm l-arbli u lampi jistghu jintuzaw ghaliex ghadhom tajbin imma flok il-kurrent mill-batteriji , jistghu jiehdu l-elettriku . Din it-triq tried titwessa' wara li jinhargu l-permessi mehtiega biex indahhlu aktar parkegg u ndahhlu playing field zghir ghat-tfal li hemm fl-inhawi kif deskritt fil-paragrafu ta' qabel.
5. Dan l-ahhar deher li l-vjolenza gholliet rasha. Bl-intenzjoni u b' mod makkak tkissru l-latrini tal-lokalita . il-hsara giet rappurtata lil pulizija u saret talba ghal aktar sorveljanza tal-pulizija. Is-sitwazzjoni tal-latrini tried tinghata l-importanza li jixirqilha. Iz-zmien jitlob li dawn il-latrini jistghu ikunu upgraded sa l-oghla standards u li jkunu mharrsa kontinwament . Inqajjem id-diskors fuq jekk wasalx iz-zmien li dawn il-latrini jitmexxew bhal latrini privati fejn l-istandard tal- igene tkun ta' l-oghla level. Bhalissa il-manteniment u l-harsien tal-latrini huwa l-boghod minn dak mixtieq. X' inhi l-fehma tal-kunsilliera fuq dan il-kuncett ? Ghandna latrina li se tinfetah dalwaqt taht il-misrah ta' Bugibba u s-sena ddiehla jkun hemm il-latrina ta' triq Parades. Tahsbu li anke b' mod esperimentali , nohorgu expression of interest biex il-privat ikun jiehu Hsieb kollox , inkluz id-dawl u l-ilma tal-latrina .
6. Id-dekasteri tal-kunsilliera huwa diskors iehor li jimmeritah il-hin biex naraw fejn qeghdin ahna bhala Kunsilliera ma xulxin . Konna bqajna fl-ahhar seduta li l-minority leader kellha tghidilna x' inhi l-policy l-gdida tal- partit , sabiex naraw kif nistghu inmexxu fuq l-agenda dak ix-xoghol mehtieg fil-lokalita .

7. Minn mindu lhaqt sindku f' San Pawl il-Bahar , jigifieri ftit aktar minn sena , kont il-mira tal- medja tal- partit nazzjonalista . Dan huwa pajjiz hieles u kulhadd ghandu l-liberta biex jghaddi xi fair comment fuq hidmieti. Li mhux gust u unfair , huwa li xi drabi kien hemm spinning u tghawwig tal-fatti biex ikerrhu jew jippruvaw jaghmlu assassinju tal- karattru tieghi. Meta tlabt ir-right of reply , l-istess risposta qatt ma nghattat il-piz li tkun inharget l-ahbar u jiena mhux se naqta' qalbi b' daqshekk u nkompli nahdem sfieq ghall-kommunita minghajr ma noqghod inhares lejn il-persuni. Il- valuri u l-principji li trabejt jiena huma gheziez u dawn jaghtuni l-vizjoni ta' kif wiehed ghandu jimxi fit-triq it-tajba. Il-fatt li npoggu fuq il-mejda biex nattendu s-seduti tal-kunsill , u qisu qatt ma sar xejn u qatt ma intqal xejn li bhala ezempju li nirrangaw parkegg fl-erba' mwiezeb , nghid darba tnejn li kellna l-permessi minn TM u jinghata kopja fis-seduta tal- Kunsill ta' kif inghattaw u inhargu l-permessi u ma jkunx hemm stqarrija mill-minority leader li vera inhargu l-permessi u li kien zbaljat dak li xxandar fuq il-medja nazzjonalista , allura verament inkunu qeghdin imissu l-qiegh tal-politka lokali . Nahseb li l-poplu ta' San Pawl il- Bahar jistenna xi haga ahjar u aktar maturita politka.
8. Fil-qasam tas-soft areas il-kuntratturi qeghdin jirkupraw hafna minn xoghol bhal zabra tas-sigar u arbuxelli mferrxa fil-lokalita kollha. Kien hemm zabra li ilha ma ssir xi ghaxar snin waqt li kien hemm sigar li l-bghula taghhom qatt ma nqattghu u l-gardinar kellu jwettaq zabra biex inehhi l-lateral bearing fejn kienu frieghi xjuh. Huwa stat ta' fatt li l-gardinara impjegati mal-kunsill qeghdin iharsu kodici ta' prattici tajbin u l-uzu tal-erbicida huwa projbit fil-lokalita . Billi fl-imghoddi kien hemm uzu intensiv tal- pesticidi fil-bicciet tal- hamrija , il-kunsill serrah il-hamrija minn tahwil ta' pjanti anwali , sabiex il-hamrija tirbilja l-energija u trawwam in-newba. Issa wara li jkollna l-ewwel halbiet tax-xita , il-gardinara huma avzati biex ihawwlu fjuri anwali biex jaghtu l-ilwien godda fl-inhawi. Intant sar xoghol tajjeb fuq zabra qawwija tal-palm Washingtonia robusta matul ix-xatt u sar hedging ta' flora evergreen fit-toroq tal-Qawra . Ezempju huwa z-zabra tal- Oleander li kien ilu s-snin ma jinzabar fit-Triq it-Tamar. Barra z-zabra tal- Oleander , konna kapaci nilhqu ftehim mal-kuntrattur li qed jahdem mal-lukanda San Antonio , biex inaddaf hmieg u skart li kien ilu jakkumula minn mindu inghalqet il-fergha tal- Go quddiem il-lukanda Santana. Bis-sahha ta' dan it-tindif , hloqna spazju ghal parkegg ta' hafna aktar karozzi . Fil-qasam tas-soft areas , qed naghmlu lobbying biex is-soft areas fit-triq arterjali ta' Burmarrad ikunu mhawwlin bi flora indigina u b'hekk insebhu d-dhul f' Burmarrad. Iz-zuntier tal- knisja beda'jirpilja fejn il-flora qed tiehu r-ruh imma punt dizapuntanti huwa li hsara fuq l- qtugh tal-lampi idumu biex jissewwew. Qabel il-lampi kienu jissewwew fi zmien ragunevoli imma indunajt li dan l-ahhar l-affarijiet mhux jimxu bir-ritmu li kienu jimxu qabel. Nitlob is-segretarju biex jaghmel find out u naraw ghalfejn hawn dan id-dewmien? Tajjeb li npoggu on records li qeghdin insibu ghajnuna mis-settur privat li maghna qeghdin jikkollaboraw biex insebbhu l-lokalita. Ghandna wkoll il-privat li qed jisponsorja d-dustbins li biddlu wkoll il-bins l-antiki li ghamlu zmienhom. Il-kuncett li l-lokalita hija ta' kulhadd u min jiflah aktar minn haddiehor biex jaghti ghajnuna finanzjarja jew inkella b' xi mezz iehor lil lokalita ghandu jinfirex aktar dan il-kuncett fis-settur kummercjali .
9. Fil-qasam kulturali , se nwettqu hargiet kulturali li se jkunu sostenibli minnhom infushom. Huwa mahsub li l-ahhar gimgha tax-xahar ikun hemm dawn il-mawriet. Hawn ghatx ghal kultura u l-kunsill qed jaghti opportunita lil residenti biex jigu ghal

dawn il-hargiet kulturali. Ukoll mistiednin f Xarabank biex nghidu wkoll fuq l-istorja ta' San Pawl il- Bahar . ninghattaw wkoll spazju biex naghtu informazzjoni fuq l-attivita agrikola li se jsir f' Burmarrad nhar il- Hadd 24 ta' Novemrbu. Tajjeb li jumejn qabel f' Xarabank , nghidu kelmtejn fuq il- Festa tal- Ghasel u l- ikel artigjanat . L-impenn li ha l-kunsill lokali biex jinholqu diversi attivitajiet estivi fl-inhawi differenti tal-lokalita jaghti kuragg biex dawn l-attivitajiet ikunu organizzati fis-sajf li gej. Huwa wkoll fattur antropologu li kellna l-partecipazzjoni ta' hafna barranin li jghixu fil-lokalita li taw sehem kbir biex joholqu spettaklu fit-toroq taghna. Is-sehem taghhom kien apprezzat mill-udjenza u naraw gejjieni biex fil-lokalita taghna nixprunaw diversita qawwija ta' kultura multi-etnika. Il-valur mizjud tal-partecipazzjoni tal- barranin mal-maltin fuq il-palk jikkonduci lejn integrazzjoni aktar facli tal-barranin fil-kommunita maltija.

10. L-istorja tal-lokalita u siti arkejologici jaghtu xhieda tal- gheruq tal-kommunita . Inriedu naghtu kaz u attenzjoni specjali lil dawn is-siti sabiex l-istorja tal- lokalita tghaddi mill-generazzjoni prezenti ghal dik futura. Inriedu l-ghajnuna minn skemi lokali u anke tal-UE biex inharsu s-siti storici tal-lokalita. Hemm hafna lok ghal dan ix-xoghol. Bhalissa inriedu nlahhqu mar-restawrar mal-giebja tad-dejma hdejn it-trunciera fil-ponta tal-Qawra. Hawn insibu makja mitluqa , imma fl-istagun taz-zbir , il-kunsill se jiehu Hsieb li jwettaq xoghol li ilu tant mistenni mill-pubbliku. Tajjeb li ghal kronika jkun imnizzel li din is-sit hija skedata u ghalhekk kull tip ta' xoghol iried issir bil-galbu u skond is-sena. Anke biex jitpoggew xi ghamara bhal bankijiet , it-talba tried tghaddi minn taht diversi sezzjonijiet tal- Mepa qabel ma jinhareg id-DNO.

11. Sfidi socjali godda huma mistennija fix-xhur u fis-snin li gejjien li jirrigwardja l-influss ta' familji kemm maltin kif ukoll barranin li jaghzlu li jigu jghixu fil-lokalita taghna. Inriedu nahsbu minn issa ghal pjan logistiku biex familji li jkollhom diffikultajiet socjali jsibu kommunita li tkun preparata biex idawwar sfidi socjali ghal opportunitajiet socjali . Il-karba li jkollna respite home bhala uzu ta' emergenza u l-kostruzzjoni ta' poliklinik jew berga medika biex jinghata primary health care service fil-lokalita ma nkunu nisirqu xejn lil hadd f' pajjizna! Ukoll li jkun hemm spizerija f' Burmarrad huwa pass iehor socjali li ghandna bzonn. Fil- medda tal- art tal- Qawra , inriedu spazju ta' rikrejazzjoni bhal centru sportiv kif ukoll hemm lok ghal holqien ta' skola tal-qaws u tal-golf fl-inhawi tas-salini. Dawn huma progetti li jkattru x-xoghol turistiku. Ghandna bzonn li niddiversifikaw l-opportunitajiet ta' attrazzjoni fis-settur turistiku , u ghandna nibdew nikkonvincu lil privat biex jiehu Hsieb it-turizmu religjuz. Hawn ghandna l-isbah xorti bl-istorja tan-nafragju tal-appostlu San Pawl . Il-lokalita hija msemmija ghal qaddis kbir imma ma ghandix landmark tieghu fid-dhul ta' San Pawl il- Bahar. Fil- passat kien hemm hafna diskussjonijiet u paroli fuq twaqqif ta' monument , imma issa nigu ghal fatti. Jiena se navvincina lil Ghaqda Kulturali li ghandna rabta tajba maghhom sabiex iwaqqfu fond biex jingabru flus u jitellghu attivitajiet li jrendu flus biex issir il-monument . Nissugerixxi li jkun hemm poster tal- monument wara li jkun miftiehem kif se jsir dan il-monument jekk hux se jkun kollu tal-bronz jew inkella l-istatwa tal-bronz imma l-pedestall li jigbor fih ix-xwieni jkunx mill-irham. La darba jkun hemm qbil fuq l-ghamla , nistghu inpoggu kitties fir-ristoranti u l-lukandi u l-bars biex min iried jaghti xi donazzjoni ghal monument , jkun jista' jaghti l-kontribut. Ejjew inharsu l-quddiem u nahdmu ghal dan il-monument.

12. Matul l-ahhar xhur , l-amministrazzjoni tal- Kunsill irceviet hafna PQs fuq diversi xogholijiet diversi mill-kunsill lokali. Li kieku ma sarx xoghol , ma kienx hemm ikun hemm PQs . Allura dan huwa xhieda li x-xogholijiet qeghdin iqanqlu mistoqsijet , liema mistoqsijiet iwasslu ghall-informazzjoni li tista' tintuza' ghal xi forma ta' disertazzjoni fil-qasam akademiku. Fil-fatt issib hafna studenti li meta jaghmlu xi thesis , jfittxu informazzjoni minn diversi entitajiet , u dan l-esercizju jsahhah il-livel akademiku fuq bazi nazzjonali . Matul l-ahhar xhur kienu wkoll hafna studenti universitarji li gew il-kunsill u iltqajt maghhom biex naghtihom informazzjoni fuq ix-xoghol tal-kunsill lokali u fuq l-istorja tal- inhawi. Din il-gimgha kellna grupp ta' 20 student li qed jistudjaw l-arkitettura , fejn urew interess fuq il-kommunita taghna . Jiena nawgura li jibqa' ghaddej ir-ritmu tax-xoghol fil-lokalita ghaliex minnu jgawdi kulhadd.
13. Fl-ahhar xahar , twahhlu dustbins kbar fuq il-promenade , liema dustbins kienu sponsorjati minn entitajiet privati. L-isfida tan-indafa tibqa' prijorita ghalina. Qed nahdmu lejl u nhar fuq iz-zamma tal- indafa . is-supervisor Grima zar u akkumpanja l- haddiema li jigbru l-iskart bl-iskammels u dawk li jikinsu t-toroq. Ghad hawn persuni li jwaddbu l-iskart f' nofs it-triq waqt li hawn xi persuni li bla responsabilta johrogu l-boroz tal-iskart fil-ghaxija . Fil- weekend li ghadda tajt verbal warning lil impjegat tal- Agenda Bookshop li qbadtha tohrog l-iskart tard fis-serata . Mhux sewwa li ahna nirsistu ghall-indafa u nonfqu hafna flus fuq l-indafa ,jkun hemm minn b' kapricca johrog boroz fis-satra tal-lejl biex imbaghad dan l-iskart jitkaxkar mar-rih u mas-saqajn.
14. Ix-xahar li ghadda , kellna hrug ta' tender ghal kirja ta' garaxx biex jintuza' ghal skop sportive . Il-garaxx ghal uzu ta' attivitajiet sportivi ghandu signifikant akbar minn dak sportiv, fejn il-kunsill huwa marbut biex ihares il- wellbeing taz-zghazagh u permezz tal-isports , nixprunaw aktar interess f' uliedna biex jitbedu minn vizji . illum niddiskutu l-ghazla tal-garaxx.
15. Il-bye laws – inriedu naraw x' jaghmel il-working group biex inmexxu aktar id-decentralizzazzjoni amministrativa fuq livel lokali. Nixtieq nipproponi li jkun hemm bylaw ghal kirjiet tal-latrini lil privat fuq il-mudel li nhareg fi Strada Stretta tal- belt Valletta. Mudel li rnexxa u kien success.
16. L-uzu ta' karozza zghira hija tant li hemm bzonn li jkollna vettura ohra , sabiex jitkompla r-ritmu tax-xoghol li ghaddejjin bih. Ma hemmx ghalfejn nonfqu aktar minn 1500 ewro ghal vettura second hand. Imma nriedu nohorgu quotes ghal xiri . Nipproponi li jkun hemm twaqqif ta' bord ta' adjudikazzjoni ta' hames persuni biex inmexxu bil-process.
17. Tiswijiet ta' hsarat fit-toroq taghna tkompla . Ukoll dahlu jaghtu daqqa t'id lil handymen taghna xi persuni tal- ETC fejn l-ispinta waslet biex il-lista tal- works order dejjem tiqsar. Ghad inriedu hafna aktar haddiema biex inlahhqu mal-esigenzi kollha tal-lokalita.
18. Skond l-ahhar statistika tal- gabra tal-iskart reciklat ,huwa sodisfazzjoni kbira li fi zmien sentejn inqlajna minn taht u tlajna minn 4.2 kgs per capita ghal 35 kgs. Progress enormi twettaq fil- qasam ekologiku. Kwazi wkoll biex inlahhqu maz-zabra ta' sigar w arbuxelli evergreen . Issa ghad baqa' li nizbru dawk is-sigar li jwaqqghu il-weraq fl-istagun taghhom taz-zabra. Din il-gimgha nergghu nizbru l-promenade fejn il-Bruka regghet telghet weraq enormi . Nifhmu li t-tkabbir tal-weraq sehh wara li kien hemm il-hasil tal-promenade u l-ilma stimula t- tkabbir tal-Bruka .

19. Is-servizz tal- vaccine kontra l-influwenza se jsir fil-granet li gejjien. Il-kunsill se jkun jista' jwassal dan is-servizz qrib ir-residenti u ghalhekk se jkun jista' jopera minn postijiet differenti fil-lokalita.
20. Dan l-ahhar kien hemm xi xoghol fuq trinka ghal servizzi tal- Go , imma din it-trinka giet msewwija bit-tarmack.
21. La darba jkun konkluz il-ftehim ma' Bonnici tal- iskema PPP 2 , jibda' l-ewwel xoghol fuq triq Busewdien u ninzlu ghal Burmarrad , imbaghad inmorru l-Qawra u San Pawl . Barra dan ix-xoghol , il-kunsill se jfittex li jiltaqa' mac-CEO James Piscopo tat-TM fuq asfaltar ta' toroq ohra fil-lokalita.

Is-Sindku kompla jispjega li ta' Bonnici talbu biex jithallsu 60% kif appena jkun lest ix-xoghol u pogga fuq il-mejda ghad-disposizzjoni ta' kulhadd kopja tal-kuntrattkif kien qed jipproponi huma. Billi dan kien differenti min dak originarjament li kien gie iffirmat, is-segretarju tal-Kunsill informa li ser tintalab ruling u konferma minghand id-dipartiment biex inkunu nistghu nkomplu b'dan il-ftehim. Ghaldaqstant gie maqbul li nimxu mall-kjarifka mid-dipartiment tal-Kunsill.

Fuq item numru 6 tal-istqarrija, Graziella Galea qalet li l-Kunsilliera m'ghandhomx dekasteri. Il-Kunsillier Peter Abela qal li saret laqgha fuq animal welfare biex jigi identifikat sit ghall ghawm tal-annimali.Is-Sindku wiegeb li din giet diskussa mal-MHRA pero s'issa ghad m'hemmx ruling. Peter Abela qal li fuq il-kwistjoni taz-zwiemel fejn il-pjazza ghandna nitkellmu aktar halli jsiru l-affarijiet b'mod konkret. Dan ghaliex ghalkemm sar ix-xelter ghad m'hemmx komunikazzjoni tad-drenagg.

Il-Kunsillier Peter Abela qajjem point of order u spjega li ghal diversi drabi kienu gew irrangati l-bee-hives f' San Pawl Milqi u siti ohra fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Huwa qal li qed tinghata l-impressjoni li qabel qatt ma kien sar xejn. Is-Sindku qal li kieku l-Kunsill ma' kompliex fuq il-hidma ta' qablu kieku dan il-Kunsil ma' kienx isib x'jirranga.

Is-Sindku kompla jispjega li ser jitwaqqaf kumitat biex jibda jingabru l-flus ghall monument tal-istatwa ta' San Pawl. Graziella Galea qalet li ga kien hemm kumitat iffurmat ghall dan l-ghan.

**<u>Bir tad-Dejma</u>**

Gie mressaq ghall approvazzjoni l-monument li jinbena l-horza tal-bir tad-Dejma kif kien proponut mis-Sur Frans Scerri. Dan kien ga inhareg permess ghalih u ghalhekk ghanda ssir talba lill Perit tal-Kunsill biex jintuza l-istess permess halli dan il-monument isir mill-aktar fis possibli. Dan ser jithallas minn skema ta' fondi li huma immirati biex isiru affarijiet ta' natura arkejologika u restawr.

**<u>Monument Erba Mwiezeb.</u>**

Il-Kunsillier Oliver Mallia prezenta l-mudell tal-monument tas-Sur Frans Scerri li kien ghamel biex jinbena fl-area ta' Erba Mwiezeb. Wara li gie prezentat, dan il-monument gie approvat unanimament u ghaldaqstant ghanda tintalab kwotazzjoni tax-xoghol mehtieg. Ray Tabone propona li f'dan il-monument ghanda ssir plakka kommemorattiva bl-ismijiet prezenti tal-Kunsilliera. Fuq din kien hemm qbil unanimu

wkoll. Il-Kunsillier Robert Piscopo gibel l-attenzjoni biex l- ismijiet isiru bit-titli wara kull isem .

**Trackless Train.**

Inqrat ittra li l-Kunsill ircieva minghand TM fejn saret talba minghand is-sid tal-fun train halli jkollu parkegg iehor fi Triq it-Turisti. Ray qal li ghandu jkollu post wiehed ta' parkegg, fi triq Ghawdex in-naha ta' fuq u juza l-istage tal-arriva mar-rotta tieghu. Hekk ma' nahlux aktar parkeggi li huma tant mehtiega fil-lokalita taghna.

**Tilqim tal-influwenza.**

Il-Kunsillier Ray Tabone gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma' kienx hemm estensjoni tal-perjodu fejn wiehed ikun jista jiehu t-tilqima. Dan ghaliex ma' kienx hemm bizzejjed riklamar li qed isir tali servizz mill-Kunsill u darba' ohra ghandu jkun hemm aktar riklamar f'dan ir-rigward.

**Proposta biex jehlu boards ta' informazzjoni ghat-turisti**.

Wara li tweriet korrispondenza li rcevejna minghand kumpanija tar-riklamar biex jehlu tabelli f'diversi lokalitajiet li jahdmu bix-xemx solari ghax jixghelu bil-lejl qamet diskussjoni. Dan ghaliex kien hemm diversi opinjonijiet. L-iskop kien tajjeb u kulhadd qabel li l-ghan huwa tajjeb qal il-Kunsillier Peter Abela. Pero huwa sahaq li dawn ghandhom jitpoggew f'postijiet bil-ghaqal halli ma' jghattux il-veduta u ningumbraw il-bankina. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar u Jane Chircop qablu ma' Peter u ghaldaqstant ghandna naraw sew fejn ser jehlu u wara niddiskutu aktar fid-dettal.

**Ghazla ghall kiri tal-garaxx – Gym.**

Il-bord tal-ghazla fil-kiri tal-garaxx huwa compost mis-Sindku Mario Salerno, Ray Tabone, Peter Abela, Mario Buhagiar u Oliver Mallia. Ray Tabone kompla jghid li kienu dan il-garaxx ghandu funzjoni biex jigi prattikati fih diversi dixxiplini sportivi differenti bhal Martial Arts, wrestling u self defence etc. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet ukoll li l-quddiem il-Kunsill ghandu jara l-possibilita biex jinstab post ukoll ghall-iscouts. Il-Kunsilliera Galea talbet lis-segretarju clearance minghand id-dipartiment fuq jekk tistax issir din. Is-segretarju qalla li ga kellna kjarifka li iva.

**Xiri ta' karozza mill-Kunsill**

Wara diskussjoni qasira ghaliex ser tinxtara karozza li l-kunsill ghandu bzonn minhabba li kull darba nispiccaw bla vettura halli nwasslu l-haddiema fuq il-lant tax-xoghol, is-sindku Mario Salerno qal li l-ahjar qabel ma' tintghazel il-karozza immorru ghand mekkanek halli jara l-kundizzjoni taggha. Is-Sindku Mario Salerno talab vot fuq din id-decizjoni- Favur 6 (Mario Salerno, Ray Tabone, Mario Buhagiar, Mandy Bhagiar, Oliver Mallia u Jane Chircop , Astjenew 4 – Graziella Galea, Anne Fenech, Peter Abela u Robert Piscopo, Kontra Xejn.

**Kiri ta' garaxx tal-Gvern fi triq Quintinus.**

Gie spjegat li kien hemm garaxx tal-Gvern fi Triq Quintinus li tajjeb biex fih jitpoggew l-affarijiet tal-Kunsill, bhal tabelli, tizjin tal-Milied etc. Saret talba lid-dipartiment tal-artijiet fuq dan u waslet ittra li biex isir il-kuntratt irid l-ewwel jithallas is-somma mitluba bil-quddiem. Dan il-garaxx gie mitlub ghax biex jiddendel it-tizjin tal-milied kellhom isiru toqob fil-hajt tal-garaxx li huwa mikri u ghaldaqstant ma' nistghux inwahhlu t-tizjin kif

appena jinqala' wara l-milied. Ghaldaqstant sar qbil li jsir il-kuntratt mal-lands halli jinkera dan il-garaxx ghall uzu tal-Kunsill.

**Xoghol fuq Bye-Laws.**

Giet diskussa kif ser nimxu biex jibda x-xoghol ta'diskussjonijiet fuq il-Bye-laws li hemm hsieb il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar idahhal. Ghal dan il-ghan gie propost li jsir kumitat ta' hidma mill-kunsilliera u fih ser ikun hemm l-Avukat Robert Piscopo, Oliver Mallia u Peter Abela li flimkien mas-Sindku Mario Salerno ghandhom jaraw l-ahjar mod kif jinkitbu dawn il-Bye-laws. Ghaldaqstant ghanda ssir l-ewwel laqgha nhar l-erbgha 30 t' Ottubru fil-4pm gewwa l-Kunsill Lokali San Pawl. Sar il-qbil ukoll li minn jista mill-kunsilliera ghandu jattendi ghal dawn il-laqghat.

**Bord tal-ghazla ghall skrivana**

Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li jigu ffurmat bord tal-ghazla ghal skrivana gdida fil-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant f'dan il-bord ser ikun hemm Ray Tabone, is-Sindku Mario Salerno, il-Kunsillier Mario Buhagiar u l-Kunsillier Oliver Mallia. Jekk xi hadd minnhom ma' jkunx jista' jattendi ghanda tissejjah il-Kunsillera Mandy Buhagiar.

**Bord tal-ghazla – Tender tal-ICT.**

Kien hemm il-qbil li f'dan il-bord tal-ghazla jkun hem mil-Kunsilliera Graziella Galea, Peter Abela, Raymond Tabone, Mario Salerno, Mario Buhagiar u Oliver Mallia. Jekk xi hadd minnhom ma' jkunx jista' jattendi ghandha tissejjah Anne Fenech.

**Dghajjes**-

Is-Sindku qal li kienu qed jidhlu diversi ilmenti minghnad in-nies. Bhala Kunsill ghandna nghatu l-ghajnuna taghna. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li kien hemm appuntament mas-sajjieda fl-ufficju ta' Rodererick Galdes. Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li niccekjaw mall Kunsill tal-Mellieha u naraw kif ghamlu huma. Ray Tabone qal li l-problema bdiet ghad fejn il-Gillieru d-dghajjes kienu jidhlu sa quddiemir-restaurant u milli jidher il-Lukanda qed jghamel pressjoni biex isir parkegg hemmekk. Ray jahseb li l-pulizija qabdu minn jeddhom biex jizgumbraw dawn id-dghajjes.

Il-kunsillier Raymond Tabone talab biex jergghu jitwahhlu tabelli kif kien fi zmien l-antik, tabelli li jindikaw li hemmekk huw esklussivament ghall uzu tad-dghajjes. Graziella Galea kompliet tghid li hija taqbel li jibqa kollox kif kien. Id-decizjoni tal-Kunsill hija li tehel tabella kif ghandu fir-ritratt il-Kunsillier Ray Tabone. Mandy Buhagiar qalet li allura t-tabella ghandha ssir illum qabel ghada.

**Oliver Mallia.**

Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li gimghal ilu kien talab li jinghata rendikont tal-PQ's li qed isiru fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl. Dan ir-rendikont ghandu jindika minn qed jghamel il-PQ's, kemm idumu jsiru ricerki biex jitwiegbu, kemm jinhela hin biex jitwiegbu u kemm tigi tiswa lill Kunsill bhala flus.

Mistra Village. Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li fuq il-progett li ser jibda f' Mistra Village gejna nfurmati li €700,000 ser jghaddu fil fond tal-UIF biex jintuzaw fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Apparti dan, sirna nafu wkoll li hemm fondi allokati ghall UCS – Underground car park scheme. Il-quddiem ghandhom isiru aktar diskussjonijiet.

***Mario Buhagiar.***

Din il-gimgha cemplu u qal li qed nahdmu bhala kunsill –irridu nghamlu enforcement ghax qed nigu majjrin u jhoss li ghaldaqstant ghandu jsir aktar inforcement u sorveljanza fil-lokalita taghna biex ir-rimi u l-abbandun ta' karozzi u hmieg li qed jintefa l-hawn u l-hinn jigi mwaqqaf. Huwa qal li ser ikompli jara u jahdem halli naraw kif nistaw innehhu dawn il-hafna karozzi mitluqin l' hawn u l' hinn.

**Raymond Tabone.**

Il-Kunsillier Ray Tabone qal li minkejja d-diversi talbiet li saru biex jitwahhlu Bus Shelters f'diversi positijiet madwar il-lokalita ta' San Pawl, ghadu ma' sar xejn. Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jghamel struttura temporanja specjalment fuq il-Bus shelter ta' hdejn Erba Mwiezeb li fix-xita u xemx in-nies li juzaw tal-linja jkollhom joqghodu hemm ghax ma' hemm imkien iheor fejn tistken. Din il-proposta giet approvata unanimament.

Build-out. Il-Kunsillier Ray Tabone qal li l-bankina faccata tas-Centric computers trid tohrog il-barra xi zewg piedi fil-kantuniera u ssir build-out, b'hekk jidhlu ahjar, ghall dan il-ghan ghanda ssir talba lill Perit tal-Kunsill halli nirrangaw ahjar it-traffic management ta' dawn l-inhawi.

Karozza

Raymond Tabone qal li wasal iz-zmien biex tinxtara karozza ohra ghall-uzu tal-Kunsill ghax bhalissa l-haddiema mhux qed ikun jistaw imorru fuq xoghol tal-Kunsill propjament ghax il-van jinsab bil-hsara u l-karozza trid tintuza mis-Sindku u mis-segretarju biex imorru l-qorti etc etc. Jekk tinstab karozza uzata f'kundizzjoni tajba niffrankaw hafna flus u sservi biex jingarru l-haddiema u l-ghodda minn post ghall iehor.

Arbli tad-dawl faccata tal-Hotel Suncrest u Qawra Palace.

Il-Kunsillier Ray Tabone qal li din is-sena ergajna ghandna parti sostanzjali fi triq tal-Qawrali tkun bla dawl. Dan ghaliex il-hotel tas-Suncrest tkun maghluqa ghal perjodu tax-xitwa u t-triq tispicca fid-dlam. Huwa talab biex il-kunsill jara l-possibilta li jitwahhlu arbli tad-dawl f'dinl-area biex jitnehha dan l-inkonvenjent darba ghall dejjem.

Qtugh ta' haxix.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li jixtieq jitlob lis-sindku biex id-dekasteru u x-xoghol tal-qtugh tal-haxix jghaddi f'idejh halli jkun jista' jikkordina ahjar mall-kuntrattur. Is-Sindku Mario Salerno irringrazzjah tal-inizjattiva u qallu li ma' jara l-ebda oggezzjoni f'dan ir-rigward.

Servizz ta' messaggier.

Il-Kunsillier Ray Tabone qal li l-Kunsill ghandu jistharreg il-possibilta li l-Kunsill ikollu servizz ta' messaggier u xufier biex jghin fid-diversi xoghol li jinvolvi hafna giri lill –istaff tal-Kunsil. Huwa kompla jispjega li dan ix-xoghol ikun jinvolvi sewqan ta' nies, haddiema, qadi tal-posta, jitwaslu haddiema assenjati mall-Kunsill tal-ETC u dak kollu li jkun hemm bzonn. Fuq din il-proposta qamet diskussjoni u ghaldaqstant kien hemm diversi opinjonijiet. Gie deciz li dan is-suggeriment jigi mistharreg aktar il-quddiem.

**Jane Chircop**

Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li fil-lokalita taghna ghandha kas ta' persuna li hija terminal case li joqghod f' appartament u ghandu bzonn parkegg riservat ghalih immedjatament. Dan ghaliex ghalkemm ghandu c-certifikati kollha mehtiega biex japplika ma' TM tibza li l-process jiehu fit-tul. Ghalhekk talbet biex f'isem il-Kunsill tinkiteb ittra lill TM halli dan il-persuna tigi mghejjuna kemm jista' jkun, anke jekk issir temporanja peress li huwa terminal case. Is-Sindku Mario Salerno qal li f'kaz bhal dan ghandna naraw l-ahjar soluzjoni fl-iqsar zmien possibli. Huwa kompla jghid lill Kunsilliera Jane Chircop li hija ghandha tmur l-appogg biex tirrparezenta l-Kunsill

**Mandy Buhagiar**

Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li sajjieda fil-Menqa, talbu vit tal-ilma minhabba d-dghajjes. Bhala dawl , hija qalet li ga hemm u huma ghandhom cavetta biex jghamlu dan. Fuq dan kien hemm qbil unanimu u ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra lid-dipartiment koncernat biex jithaffef il-process.

Hija kompliet tghidli tixtieq tibda tara aktar fjuri u li jithawlu aktar sigar fir-roundabouts taghna. Is-Sindku kompla jghid li ser nitolbu lill kuntratturi tas-soft areas biex issa jibdew ihawlu l-fjuri fl-area taghom.

**Graziella Galea.**

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li wasal iz-zmien biex tissemma triq fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar ghal Father Joe Cilia. Hija kompliet tghid li l-bozza f' Gebel Ghazzara ghada ma' saritx u infurmat lill skrivana biex tghamel ir-rapport. Semmiet ukoll fejn wasalna fuq it-talba taggha biex titmexxa z-zebra crossing ta' hdejn gnien Olimpiku. Billi kienet ga tresqet il-proposta s-Sindku qal li kif din tkun approvata minn TM issir flimkien mad-diversi zebra crossings ohra li ghandna pendent. Hija qalet ukoll li s-sistema tal-live streaming mhux qed tahdem kif suppost ghax is-sound mhux jinstema. Talbet lis-segretarju biex ikellem lill kuntrattur halli jigi jara x'jista' jghamel. Talbet ukoll biex l-isqarrija tas-sindku tibda tinbgat mall-agenda minn qabel. Is-Sindku qal li mhux dejjem tkun possibli ghax l-agenda trid tintbghat hafna qabel u jkun ghadu qed jikteb l-affarijiet aktar aggornati.

**Anne Fenech.**

Il-Kunsillier Anne Fenech qalet li hemm bozza fejn zbajna s-sigar li hija maqtugha – din tinsab fi triq Raddet ir-Roti – kif titla Mistra Village fejn is-sigar. Kompliet tghid ukoll li l-bankina fi triq Sant Antnin ghanda ssir bil-madum u mhux bil-konkos ghax il-kukplament hija bil-madum.

Ghandhom ukoll jehlu bollards fejn xulxin fl-erba kantunieri biex ma' jsirx abbuz u jipparkjaw karozzi hemm. Kompliet tghid ukoll li fi Triq is-Simar ghandu jinghata konkos bix-xibka ghax hemm hafna hofor wara x-xita li ghamlet.

**Peter Abela.**

Il-Kunsillier Peter Abela qal li l-kuntrattur tas-Synthesis m'ghandhux dritt li juza l-karozza tal- Kunsill biex iwettaq xogholu. Huwa kompla jghid li l-kuntrattur ghandu jipprovdi l-karozza tieghu biex iwettaq ix-xoghol offrut fit-tender – kif propjament hemm

stipulate fl-istess tender. Ghaldaqstant dan ghandu jigi nfurmat biex jibda jghamel uzu mill-karozza tieghu. Fuq din kien hemm qbil u ser jigi mgharraf il-kuntrattur b'din id-decizjoni.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid 9.20pm u giet aggornata ghall nhar l-Gimgha 29 ta' Novembru fil-5.30pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.